KUNSILL LOKALI
IS-SIĠĠIEWI
Città Ferdinand

**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi**

**IS-SEBA' LEĠISLATURA**

**Laqgħa Numru 364**

**It-Tnejn 10 ta' Diċembru, 2018**

Il-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi ltaqa' fiċ-Ċentru Ċiviku tas-Siġġiewi li jinsab fl-indirizz 18, Pjazza San Nikola, Is-Siġġiewi, fis-sitta ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Dr Alessia Psaila Zammit –Sindku
Is-Sur Julian Borg – Vici Sindku
Is-Sur Domenic Grech – Kunsillier
Is-Sur Nicholas Cassar – Kunsillier
Dr Mark Anthony Vassallo - Kunsillier

**ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A(3)):**
Is-Sur Clayton Cutajar – Kunsillier
Is-Sra. Gillian Farrugia Pace – Kunsilliera

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Is-Sra. Ritienne Giorgino – Segretarju Eżekuttiv

Ċentru Ċiviku tas-Siġġiewi – 18, Pjazza San Nikola, Is-Siġġiewi SĠW 1073
t +356 2146 6000 f +356 2146 2946
e siggiewi.lc@gov.mt w www.siggiewi.gov.mt KLSiggiewi

**Minuti**

Is-Sindku Dr Alessia Psaila Zammit ppresidiet il-laqgħa.

**364.1 Qari tal-ittri ta' apoloġija**

Is-Sindku qrat l-ittri t'apoloġija tal-Kunsilliera Clayton Cutajar u Gillian Farrugia Pace..

**364.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

364.2.1 Inqraw il-minuti tas-Seduta numru 363.

364.2.2 **Punti li joħorġu mill-Minuti**

364.2.3 363.2.3 Is-Sindku qalet li qed jiġu evalwati l-istimi riċevuti.

364.2.4 363.2.4 Is-Sindku qalet li kienet saret laqgħa mal-Kuntrattur tal-ġbir tal-iskart, flimkien mal-Kunsillier Dominic Grech, fejn ġew diskussi ilmenti li rċieva l-Kunsill dwar il-ġbir tal-iskart. Il-Kunsill Lokali fakkar lill-kuntrattur li skont t-tender, il-Kunsil b'diskussjoni miegħu jista' jitlob l-użu ta' trakk żgħir. Il-Kunsill Lokali għamel talba għall-użu tat-trakk iżgħar fi Triq il-Kbira u Triq Ħal Xluq. Il-Kuntrattur qal li ser jibda jintuża it-trakk iż-żgħir minn Jannar 2019.

364.2.5 363.2.8 Is-Sindku infurmat li l-Kunsill tas-Siġġiewi kien l-unika entita' li vvotat kontra dan l-iżvilupp, u għaldaqstant, il-proġett għadda xorta.

364.2.6 363.3.1 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill li id-data ta' din l-attivita' ġiet posposta għad-19 ta' Diċembru. Il-Kunsilliera huma mħeġġa jattendu.

364.2.7 363.7 Is-Sindku infurmat li rċevejna l-approvazzjoni tad-Dipartiment u tal-Jobs Plus biex nipproċedu għas-sejħa bejn il-ħaddiema tal-Kunsilli Lokali u r-Reġjun

364.4 **Tenders u Proġetti**

364.4.1 Is-Sindku qalet li l-Kuntratt eżistenti tal-Cleaning of Urban and Surfaced Non Urban Roads LCS10/14 kien skada, u proponiet li jiġi estiż sakemm jiġi aġġudikat it-tender il-ġdid, liema sejħa għat-tender tagħlaq fil-21 ta' Diċembru 2018. Il-Kunsill qabel unanimament.

364.4.2 Is-Sindku preżentat pjanti li ġew mħejjija mill-perit biex fil-parti ta' wara tal-binja tal-Kunsill Lokali issir applikazzjoni mal-Awtroità tal-Ippjanar, biex minbarra Night Shelter issir MultiPurpose Hall ghall-Anzjani u jibda jiltaqa' wkoll fiha d-Day Centre, kif ukoll Dementia Day Centre. Is-Sindku qalet li dan l-proġett u l-finanzjament tiegħu qed jiġu wkoll diskussji mas-Segretarjat Parlamentari għall-Anzjani u d-Dipartiment tal-Anzjani. Il-Kunsill qabel b'mod unanimu mal-pjanti preżentati u li jsiru applikazzjonijiet mal-Awtorita tal-Artijiet u l-Awtorita tal-Ippjanar.

**Bord ta' Evalwazzjoni**

364.4.3 Is-Sindku qalet li is-sejħa għat-tenders Cleaning of Urban and Surfaced Non Urban, Supply of Concrete u Resurfacing of Roads tagħlaq fil-21 ta' Diċembru 2018. Hija proponiet li jinħatar il-bord tal-evalwazzjoni, u proponiet li jkun maħtur minn:
Chairperson – Is-Sindku, Is-Segretarju Eżekuttiv, u evalwaturi, il-Perit Julian Borg

bħala tekniku, u l-Kunsilliera Clayton Cutajar u Dr. Mark Vassallo.
Il-Kunsill unanimament qabel.

Is-Sindku proponiet li tibda is-sejħa għat-tender ta' Resurfacing of Works għat-toroq Rural taħt Miżura 4.3. Il-Kunsill unanimament qabel.

**Applikazzjoni Fondi UE – Toroq Rurali**

Is-Sindku qalet li flimkien mal-Perit qed tiġi imħejjija lista ta' toroq rurali li ma' taħbatx
364.5 mal-proġetti tal-WSC biex ikun jista jibda x-xogħol ta' resurfacing b'dan il-proġett. Is-
Sindku proponiet parti ta' Triq ta' Bur ix-Xewk (il-parti li kienet diġa approvata għall-
364.5.1 fondi tal-UE u li mhux se tkun qed tagħmel xogħolijiet fiha l-Korporazzjoni ghas-
Servizzi tal-Ilma), parti f' Tal-Għaqba, Tas-Sruġ, Triq fiz-zna Ta' Djar il-Baqar, it-
trejqa li mill-fawwara twassal ghall- Bur il-Kbir, sqaq in-Nadur (fejn hemm l-Kamra
tan-Nar tas-Siggiewi) għal Wied Hesri. Dawn it-toroq stmati li jiswew total ta'
€676,505, liema 10% minnhom titħallas mill-Kunsill u l-kumplament mill-fondi tal-
proġett.
Il-Kunsill qabel b'mod unanimu mat-toroq proposti.

Is-Sindku qalet li TM talbet l-approvazzjoni tal-Kunsill Lokali biex dawn it-toroq jiġu inklużi f'applikazzjoni tal-UE, għall-bidla ta' toroq rurali minħabba li dawk li kienu ġew approvati se jsiru xogħolijiet ta' WSC fihom) It-toroq huma Triq Wied Xkora, Triq tal-Ħofor u parti minn Tal-Lawrenti. Il-Kunsill Lokali qabel b'mod unanimu.-

364.5.2

**Applikazzjoni Fondi UE – Majjistral Action Group**

Is-Sindku infurmat li il-pjazzetta quddiem il-kappella ta' San Niklaw kienet ingħatat wiċċ bit-tarmac mill-Gvern Centrali. Hija qalet li l-perit qed jemenda l-pjanti u stimi għall-proġett ppjanat mill-Kunsill għat-tisbiħ. Dan hu meħtieġ wara li issa sar t-tarmac.

364.6

Il-Perit tal-Kunsill qed jagħmel stħarriġ mal-Lands biex jiġi stabbilit il-propjetarju tal-
364.6.1 art bħalissa żdingata fi triq Salvu Borg Olivier, biex il-Kunsill ikunu jista jirranġaha
f'post rikrejattiv, b'possibilta' ta' dog-park, u spazju miftuħ bis-siġar u bankijiet għat-
tgawdija tal-familji.

**Applikazzjoni Development Planning Fund**

364.6.2

Is-Sindku infurmat li l-Kunsill issottometta żewġ applikazzjonijiet għal dawn il-fondi, fuq in-Night Shelter (€150,000) u fuq il-Park ta' Għar Lapsi (€30,000).

**Titjib fit-Toroq tal-bdiewa**
364.7 Is-Sindku qalet li ma kienet irċeviet l-ebda konferma pożittiva għal talba lill-Ministru
Ian Borg għal fondi biex jiġu rranġati t-toroq tal-bdiewa. Ir-risposta li kienet rċeviet
364.7.1 kienet li l-Ministru se ara kif jitqassmu b'mod ġust l-fondi allokatti għat-toroq bejn l-
lokaliatjiet. Għalhekk, għandha titħejja lista bi stimi ta' xogħolijiet tal-sqaqien kollha li
hemm talba għalihom. Is-Sindku proponiet li l-Kunsill iwaqqaf kumitat magħmul mis-
Sindku, Viċi Sindku u Minority Leader biex jiġi stabbilit liema sqaqien jistgħ isiru
364.8 xogholijiet fihom bit-torba u konkos.

**Materji konnessi mal-Awtorita' tal-Ippjanar**

Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat lista ta' applikazzjonijiet li daħlu mal-Awtorita' tal-Ippjanar biex isir xi tip ta' żvilupp fis-Siġġiewi mill-aħħar Seduta sal-lum.

**Rapport tal-Korrispondenza**

364.9 Is-Segretarju Eżekuttiv preżentat lista ta' korrispondenza riċevuta mill-aħħar Seduta sal-lum.

364.9.1 **Rapport tal-ilmenti**

Is-Segretarju Eżekuttiv preżentat rapport tal-ilment li l-Kunsill irċieva bejn l-aħħar Seduta u llum.

364.10

364.10.1

364.11

364.11.1

**364.12** **Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti**

364.12.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat l-iskeda tal-pagamenti. Is-Sindku pproponiet li l-pagamenti jkunu approvati mill-Kunsill. Il-Kunsillier Nicholas Cassar issekonda u l-Kunsill approva l-iskeda tal-pagamenti b'mod unanimu.

**364.13** **Items oħra ta' xogħol ieħor li jkunu meħtieġa**

**364.13.1** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li rċeviet talba biex tiġi spustjata is-sleeping policeman fi Triq sta. Margerita quddiem il-ħanut tal-ħaxix, peress li l-ilma tax-xita kien jispiċċa jinżel fil-basement tal-ħanut/store. Il-Viċi Sindku qal li qabel irridu nikkunsidraw li fejn tersaq ma tiġix quddiem garaxxijiet. Għalhekk, is-Sindku qalet li l-ewwel issir site-visit tal-post biex nikkunsidraw tistax tersaq.

**364.13.2** Il-Kunsillier Dominic Grech qal li hemm kaxxa tal-Go imkissra fuq il-bankina quddiem Casa Farrugia fi Triq Dun Manwel Zammit u qegħda ta' periklu li jweġġa xi ħadd.

**364.13.3** Il-Kunsillier Dominic Grech propona li l-Kunsill iġib stima għal eco-warden fiż-żona ta' ramija ħalli tiġi esplorata l-possibilita li jkun hemm eco-warden ħalli possibilment jinqata' l-abbuż ta' rimi ta' skart f'kull ħin.

**364.13.4** Il-Kunsillier Grech qal li rċieva diversi ilmenti ta' trakkijiet li jgħaddu b' veloċita' eċċessiva minn Triq Blat il-Qamar, meta suppost hemm tabella fit-tarf tat-triq biex ma jgħaddux vetturi goffi. Is-Sindku qalet li diġa kien hemm tabella u talbet li tiġi ċċekjata biex jekk m'għadhix wisq viżibbli, tinbidel u titkabbar.

**364.13.5** Il-Kunsillier Grech talab li ssir applikazzjoni għal dounble yellow lines faċċata ta' garaxx partikolari (indikat lis-segretarju Eżekuttiv) fiż-żona ta' Ramija, minħabba diffikulta ta' aċċess mill-garage. Il-Kunsill Lokali se jiddiskuti ma' TM li tiċkien r-roundabout imbgħad iġib stima tax-xogħolijiet.

**364.13.6** Il-Kunsillier Nicholas Cassar staqsa fiex waslet l-applikazzjoni għaz-zebra crossing ħdejn il-grawnd tal-futbol. Is-Sindku qalet li ser tiġi diskussa f'laqgħa ma' TM f'Jannar.

**Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

**364.14**

Il-laqgħa intemmet fis-7.00p.m. u s-Sindku pproponiet li l-laqgħa li jmiss tal-Kunsill issir nhar it-Tnejn 14 ta' Jannar 2019 fil-6.00ta' filgħaxija. Il-Kunsill qabel b'mod unanimu.

Konfermati, illum 14 ta' Jannar 2018.

Dr Alessia Psaila Zammit
Sindku

Ritienne Giorgino
Segretarju Eżekuttiv